# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 3**

**Rikors Numru 104/14 MCH**

**Michael D'Amato ghan-nom u in rapprezentanza ta' Josephine D'Amato assenti minn dawn il-gzejjer**

**v.**

**Awtorita` tad-Djar, Avukat Generali u b'digriet tat-30 ta' Gunju 2015 gew kjamati fil-kawza Emanuel Bonnici u Marion Camilleri u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2015 giet kjamata fil-kawza Emily Busuttil**

Preliminari

1. Dawn huma appell principali maghmul mill-Awtorita` Intimata [l-Awtorita` Intimata], u appell incidentali maghmul mir-rikorrent Michael D'Amato ghan-nom u in rapprezentanza ta' Josephine d'Amato assenti minn dawn il-gzejjer u mill-kjamati fil-kawza Emanuel Bonnici, Mario Camilleri u Emily Busuttil, minn sentenza [is-sentenza appellata]

mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li, wara li laqghet l-eccezzjoni tal-Avukat Ġenerali li hu mhuwiex il-legittimu kuntradittur, ċaħdet l-eccezzjoni tal-Awtorita` Intimata u laqghet it-talbiet tar-rikorrent billi ddikjarat li r-rekwizizzjoni tal-fond proprjeta' tar-rikorrent mahruga mill-Awtorita` Intimata tikser id-dritt tieghu kif sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u fl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u ghalhekk ordnat lill-istess Intimata tohrog b'effett immedjat ordni ta' derekwizizzjoni fuq il-fond 84 Triq Patri Felicjan Bilokka, Marsa, u taghti lura l-fond battal lir-rikorrent u lill-kjamati fil-kawza, sidien tal-istess fond, fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza appellata u, ghall-fini tat-tieni talba, ordnat lill-Awtorita` Intimata thallas lir-rikorrent u lill-kjamati fil-kawza *in solidum* bejniethom is-somma ta' €40,000 kumpens xieraq ghall-okkupazzjoni tal-fond bi vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom. L-ispejjez gew akkollati lill-Awtorita` Intimata hlief dawk tal-Avukat Generali li huma a karigu tas-sidien.

Is-Sentenza Appellata

2. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet, li maghhom hemm ukoll delineati adegwatament il-fatti li taw lok ghall-proceduri de quo:

> "Ir-rikorrenti u l-kjamati fil-kawza lkoll sidien tal-fond 84 Triq Patri Felicjan Bilokka, Marsa qed jilmentaw illi l-fond gie rekwizizzjonat mill-Gvern fis-16 ta' April 1956 biex jintuza ghall-akkomodazzjoni socjali. Bhala fatt hu pacifku illi l-fond beda u baqa' jintuza' sallum

bhala ufficcju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali bil-kera ta' €13.58 fis-sena. Is-sidien irrifjutaw f'xi zmien li jkomplu jircevu kera. Ghalkemm saru tentattivi mis-sidien biex il-fond jigi derekwizizzjonat jew li l-Gvern ihallas kumpens xieraq ghall-okkupazzjoni jew jixtri l-fond b'nofs l-istima li s-sidien kellhom f'idejhom, dawn it-talbiet u offerti gew rifjutati. Din il-korrispondenza minn xi daqqiet mid-Dipartiment tal-Artijiet u ohrajn mill-Awtorita tad-Djar hi esebita fil-process. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu li jirriprendu pussess tal-fond ghax qed jigu privati mill-proprjeta minghajr kumpens xieraq skond il-ligi u li jinghataw kumpens xieraq ghall-okkupazzjoni bi vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom.

"L-intimati jiddefendu ruhhom ghal dawn it-talbiet. L-Avukat Generali jqis li mhux legittimu kontradittur billi japplika d-diispost tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 li jipprovdi li r-rapprezentazzjoni guridika f'kawza kontra l-Gvern hi vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat, f'dan il-kaz id-Direttur tal-Awtorita tad-Djar li hu unikament responsabbli ghal hrug ta' ordni ta' rekwizizzjoni.

"Iz-zewg intimati jishqu illi l-ordni ta' rekwizizzjoni kien validu u sar ghal skop pubbliku fl-interess pubbliku, fejn l-awtorita pubblika ghandha margini wiesa ta' diskrezzjoni f'dak li jikkostitwixxi l-interess generali. In oltre fl-ghoti tal-kumpens irid jittiehed kont tas-sitwazzjoni ekonomika meta saret l-ordni ta' rekwizizzjoni u dan apparti t-tul ta' zmien li hadu r-rikorrenti sakemm fethu din il-kawza li ghandu jkollu effett fuq kull kumpens li seta' jigi akkordat lir-rikorrent.

"L-intimat Awtorita tad-Djar jishaq ukoll illi r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji.

"Iz-zewg intimati eccepew illi mhux is-sidien kollha pprezentaw dan ir-rikors liema eccezzjoni giet newtralizzata meta gew kjamati fil-proceduri s-sidien l-ohra tal-fond in kwistjoni.

"**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

"Ir-rikorrenti qed jallegaw illi t-tehid tal-pussess tal-proprjeta taghhom hi in vjolazzjoni tad-drittijiet sanciti mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Jibda biex jinghad illi ordni ta' rekwizizzjoni hi limitazzjoni fid-dritt tal-uzu tal-proprjeta mis-sid tant li sakemm tibqa' in vigore l-ordni, il-pusses effettiv tal-proprjeta hu f'idejn l-Awtorita tad-Djar mhix f'idejn is-sid.

"L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jistabilixxi illi ebda pusses ma jista' jittiehed b'mod forzat hlief fejn il-ligi tistabilixxi dan u fejn hemm pagament ta' kumpens adegwat.

"L-Avukat Generali jikkontendi illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma

japplikax ghaliex b'ordni ta' rekwizizzjoni ma hemmx tehid izda biss kuntroll ta' uzu. Din kienet l-interpretazzjoni li kienet tinghata sa xi zmien ilu izda ricentement il-Qorti Kostituzzjonali wessghet il-portata ta' dan l-artikolu li qieset li kull kontroll ta' uzu, intiz b'tali mod biex jippriva b'mod sostanzjali lis-sid milli jaghmel uzu kif jixtieq mill-proprjeta tieghu allura dan jekwivali ghal tehid ta' 'interess' f'dik il-proprjeta u jaqa' fil-protezzjoni moghtija mill-Kostituzzjoni. Ara **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et**, (Kost 24/06.2016). Ghalhekk dan l-artikolu hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni bhala principju ta' dritt billi ordni ta' rekwizizzjoni hi tehid ta' 'interess' f'dik il-proprjeta u hi fl-effetti taghha wiesa u rigida u tippriva lis-sid mill-uzu liberu tal-proprjeta.

"Hu stabbilit mill-gurisprudenza illi l-artikolu wiehed tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 jitratta l-istess principju mehud fis-sens wiesa kif qed jigi interpretat l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u jinkorpora tlett elementi distinti cioe l-legalita tal-att, il-legittimita tal-iskop u l-proporzjonalita ben id-dritt tal-istat u dak tac-cittadin. Ara f'dan is-sens **Walter Delia et vs Chairman Awtorita tad-Djar**, Kost 18/02/2016.

"L-Awtorita tad-Djar tilmenta li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji skond il-ligi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ma jispecifikaw x'inhuma dawn ir-rimedji ordinarji, cioe talba gudizjarja quddiem il-Qrati ordinarji ghat-tnehhija tal-ordni ta' rekwizizzjoni u adezjoni tal-Bord tal-Kera ghal zieda fil-kera. Apparti l-fatt kemm jistghu jirnexxu tali azzjonijiet jekk l-ordni hi skond il-ligi u l-ligi tal-kera hi marbuta ma' parametric stretti ta' fissazzjoni ta' kera, jibqa' l-fatt illi whud mir-rimedji mitluba mir-rikorrenti f'dan il-kaz cioe l-kumpens ghal vjolazzjoni ta' drittijiet tal-bniedem iridu jigu rimedjati f'azzjoni bhal din biss. Wara kollox kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** (Kost 07/03/1994), il-Qorti Kostituzzjonali ma ghandhiex tiddeklina milli tuza s-seta' taggha li tisma l-kawza jekk ir-rimedji mitluba jistghu jigi ndirizzati biss in parti mill-Qrati ordinarji.

"**Applikati l-principji ghal kaz in ezami**

"Ma hemmx dubju illi l-ordni ta' rekwizizzjoni saret ai termini tal-ligi bis-sahha tal-artikolu 3 tal-Housing Act 1949 illum Kap. 125 u l-pussess ittiehed b'mod immedjat mill-Ministeru tax-Xoghlijiet u Rikostruzzjoni ta' dak iz-zmien bid-data tas-16 ta' April 1956. Jidher ex admissis mir-rikors promotur illi s-sidien accettaw il-kera ta' €13.58 fi-sena sal-1996 meta waqfu jircievu l-kera u bdew jitolbu t-tnehhija tal-ordni jew li l-kumpens jkun wiehed adegwat jew altrimenti li l-Awtorita koncernata tixtri l-fond. L-ewwel intimazzjoni fil-fatt saret fl-1999. Fuq il-kwistjoni tal-kera jidher pero li r-rikorrenti ma accettawx aktar kera mill-2004 skond ittra tad-dipartiment lir-rikorrenti a fol. 60 tal-process. In oltre l-kjamat fil-kawza Bonnici jghid fl-affidavit li waqfu jircevu kera fl-2009. Il-Qorti tqis pacifiku illi mill-

mument tar-rekwizizzjoni l-fond beda jintuza bhala ufficcju distrettwali tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u ghadu jintuza hekk sallum. Ghalkemm l-ordni ta' rekwizizzjoni tindika li l-iskop tar-rekwizizzjoni kien ghall-akkomodazzjoni socjali, fil-fatt dan ma kienx l-uzu li sar mill-fond. Din fil-fatt hi lanjanza fil-premessi tar-rikorenti li din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok.

"L-ghan tal-Att dwar id-Djar illum Kap. 125 kien jaghti lil Gvern id-dritt li jirekwizizzjona fond sabiex jintuza fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi akkomodazzjoni socjali. Hekk kienet il-ligi fiz-zmien tar-rekwizizzjoni tal-fond in kwistjoni. L-artikolu 3(1) kien jghid hekk:

> "Jekk is-segretarju jidhirlu li hu mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk fl-interess pubbliku jew biex jipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista' jghammar, huwa, jista' johrog rekwizizzjoni ghal kull bini, u jista' jaghti istruzzjonijiet li jidhirlu li huma mehtiega jew xierqa sabiex ir-rekwizizzjonijiet li jidhirlu li huma mehtiega jew xierqa sabiex ir-rekwizizzjoni tista' jkollha effett jew tista' ssehh."

"Dan l-artikolu gie emendat fl-1989 fejn hu applikabbli biss biex jipprovdi akkomodazzjoni socjali. Maghdud dan, jigi rilevat mill-bidu illi ghalkemm l-ordni ta' rekwizizzjoni tindika l-iskop bhala 'uzu ghal akkomodazzjoni socjali', pero fil-fatt il-fond ittiehed u ntuza bhala ufficcju distrettwali ghad-dipartiment tas-servizzi socjali. Bla dubju ghalkemm id-dikjarazzjoni u l-uzu effettiv kienu differenti, il-Qorti ma tqis illi r-rekwizizzjoni saret kontra l-ligi jew saret ghal skop mhux legittimu. Il-Qorti tqis li r-rekwizizzjoni tal-fond ghall-uzu bhal ufficcju distrettwali tas-servizzi socjali kien qed jaqdi l-interess pubbliku in generali tac-cittadin li jista' jinqeda f'ufficcju tal-Gvern bla ma joqghod imur il-boghod mid-distrett tieghu biex jinqeda fuq kwistjonijiet ta' sigurta socjali, cioe kwistjonijiet li huma certament ta' interess pubbliku. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi nonostante d-dicitura uzata fl-ordni ta' rekwizizzjoni, ir-rekwizizzjoni saret skond il-ligi in vigore f'diak iz-zmien u ghal skop pubbliku fl-interess pubbliku.

"B'danakollu l-Qorti trid tqis jekk f'din l-ordni ta' rekwizizzjoni li llum ilha tipperdura aktar minn sittin sena ntlahaqx ukoll bilanc ta' proporzjonalita bejn id-dritt tas-sid u f'dan il-kaz il-Gvern li qed juza l-istess fond. Il-Qorti tqis illi hu minnu illi l-istat ghandu certa mizura ta' apprezzament wiesa f'policies ta' natura socio ekonomika pero daqstant iehor ghandu dritt is-sid li ma jigix privat mill-uzu shih u bla xkiel tal-possedimenti tieghu minghajr ma jkun adegwatament kompensat. Il-Qorti meta qieset il-provi fuq il-valur lokatizju prezenti tal-fond ma' dak li r-rikorrent qed jircievi minghand il-Gvern, anki jekk ma jittiehidx kont tal-bdil u zieda fl-gholi tal-hajja tul dawn is-snin kollha biex tkun tista' tiehu stampa ahjar ta' kif zdiedu l-kirjiet tul is-snin, jirrizulta car illi l-ammont ta' kera mhallas cioe €13.58 fis-sena meta l-valur lokatizju attwali indikat mill-perit tal-istess intimati ta' €4,725 fis-sena ma jhalli ebda dubju li ma hemm ebda proporzjonalita bejn id-dritt tal-istat u dak tas-sid, priv mill-uzu tal-

proprjeta tieghu bla kumpens li jista' jitqies ragonevoli.

"Il-Qorti tazzarda zzid illi meta nbidlet il-ligi fl-ahhar tat-tmeninijiet tnehha bhala raguni ta' rekwizizzjoni l-interess pubbliku. Nonostante dan it-tibdil fil-ligi, l-istat baqa' jokkupa u juza l-fond minghajr ma dderekwizizzjona l-fond billi l-iskop tal-interess pubbliku certament ma baqax raguni ghal rekwizizzjoni. Din il-konsiderazzjoni twassal lil Qorti li taghti piz ukoll lit-talba ghal zgumbrament li saret. Il-Qorti tqis ghalhekk illi bin-nuqqas ta' proporzjonalita fl-ghoti ta' kumpens adegwat u gust gew lezi d-drittijiet tar-rikorrent taht l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

"**Rimedju ta' kumpens u zgumbrament**

"Ir-rikorrenti qed jitlob kumpens ghat-tul tal-okkupazzjoni tal-Awtorita tul iz-zmien ghax kien spussessat bla kumpens xieraq. Jirrizulta illi r-rikorrenti u l-intimati sidien jircievu €13.58 kera fis-sena tal-fond liema kera s-sidien waqfu jircevuha ghalkemm ma rrizultax b'mod car meta dan sehh u jekk fil-fatt is-sidien kollha waqfux jircevu l-kera fl-istess zmien. Ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena r-rikorrenti talbet tnehhija tal-ordni, bejgh tal-proprjeta lil Gvern jew zieda fil-kera li tirrifletti l-uzu u z-zmien li gew rifjutati jew mhux kunsidrati u li waslu ghal proceduri odjerni. Il-Qorti mhix qed tintalab tinkwantifika danni civili izda kumpens xieraq ghal dan it-tul kollu ta' zmien fejn is-sidien gew imcahhda mid-dritt taghhom ta' pussess u tgawdija bla limitazzjoni tal-possediment taghhom u ta' dan ma nghatawx kumpens xieraq. B'hekk kif inghad hemm lezjoni kemm tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

"Kull ma ngieb bhala prova a rigward huma stimi ex parte tal-partijiet. Ir-rikorrenti pprezentat stima tal-perit Debattista tat-18 ta' Frar 2014 a fol. 5 tal-process li ndika l-valur lokatizju fl-ammont ta' €6,400 fis-sena u l-valur liberu fis-suq kummercjali tal-proprjeta fl-ammont ta' €128,000. Il-perit tal-Awtorita pprezenta rapport tal-perit Formosa tat-18 ta' Frar 2015 li ndika l-valur lokatizju bhala €4,725 fis-sena u l-valur liberu fis-suq bhala €105,000.

"Ghalkemm ma hemmx indikazzjoni, kif inghad, tal-valuri kif zdiedu tul iz-zmien mill-1956 sa meta saru l-istimi rispettivi hu car illi l-kera ta' €13.58 fis-sena ma hux accettabbli u anki jekk wiehed kellu jqis ghal grazzja tal-argument illi l-Gvern kien qed juza l-fond ghalih biex jaqdi funzjonijiet amministrativi fl-ambitu tas-sigurta socjali u ghalhekk sa certu zmien kien hemm skop pubbliku kif ried il-Kap. 125, dan bl-ebda mod ma jiggustifika l-hlas li kien qed isir komparat mal-valur lokatizju anki jekk wiehed iqis l-istima tal-intimata Awtorita stess. Ara f'dan is-sens **Ghigo vs Malta** (26/09/2006) u **Fleri Soler vs Malta** (26/09/2006). Il-Qorti tqis illi tenut kont tal-kera gusta fl-2014 skond l-intimata Awtorita kienet ta' €4,725 fis-sena, u mehud in konsiderazzjoni illi s-sidien ilhom mis-sena 1999 juru b'mod apert li

ma kienux kuntenti bis-sitwazzjoni, il-Qorti tqis illi r-rikorrent u l-intimati sidien ghandhom jircevu kumpens arbitio u boni viri, ghal lezjoni subita fis-somma ta' €40,000.

"Bl-istess mod il-Qorti tqis li z-zamma tal-pusses tal-fond mill-Awtorita hi wkoll mhix misthoqqha tenut kont li anki l-Kap. 125 jesigi illi rekwizizzjoni ssir biss ghal fini ta' akkomodazzjoni socjali.

"**Eccezzjoni tal-Avukat Generali li mhux legittimu kontradittur**

"In kwantu ghall-eccezzjoni tal-Avukat Generali li l-kwistjoni mhix wahda li fiha ghandu jkun parti l-Qorti taqbel li kemm id-dipartiment koncernat cioe l-Awtorita tad-Djar li ghandu l-pussess tal-fond u f'idejh jaqghu l-poteri tal-rekwizizzjoni u derekwizizzjoni u hlasijiet ta' kera ta' fond rekwizizzjonat u billi in oltre ma hemm ebda talba ghall-dikjarazzjoni li l-ligi nfisha tikser id-dritt fondamentali tqis li l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"**Eccezzjoni dwar il-prova tat-titolu**

"Hu stabbilit li essendo din mhix kawza rei vindicatoria mhux mehtieg il-grad ta' prova rikjest f'kawzi simili ghal prova tat-titolu. B'danakollu jidher illi l-proprjeta kienet tghajjat lil Giuseppa Bonnici u Joseph Galea li lilhom il-Gvern kien ihallas il-kera mill-1958. Josephine D'Amato wirtet lil Joseph Galea fil-waqt li l-kjamati fil-kawza wirtu lil Giuseppa Bonnici.

"Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi respinta.

## L-Appelli

3. <u>L-appell principali</u> tal-Awtorita` Intimata huwa bazat fuq is-segwenti aggravji li qed jigu sintetizzati hekk: [1] illi l-ewwel Qorti naqset milli tqis il-fatt tan-non ezawriment tar-rimedji ordinarji disponibbli lir-rikorrent; [2] illi l-gudizzju mhuwiex integru in kwantu d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li qed jokkupa l-fond, ma jistax jigi ordnat johrog mill-fond la darba m' huwiex parti fil-kawza; [3] illi s-sentenza appellata tmur oltre l-parametri tal-kompetenza kostituzzjonali; [4] illi l-istess sentenza

appellata tmur lil hinn minn dak mitlub mir-rikorrent stess u, [5] illi l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti huwa wiehed eccessiv.

Ghalhekk l-Awtorita` Intimata qed titlob lil din il-Qorti sabiex jew [1] tirrevoka s-sentenza appellata jew, fin-nuqqas, [2] tvarja dik is-sentenza billi tirrevoka dik il-parti fejn ordnat lill-appellanti tohrog ordni ta' derekwizizzjoni, u fejn ordnatilha taghti lura l-fond battal lis-sidien, u tnaqqas drastikament il-kumpens li l-appellanti giet ordnata thallas.

4. Fit-2 ta' Novembru 2016, ir-rikorrent ipprezenta risposta tal-appell u appell incidentali fejn ressaq is-segwenti aggravji: [1] illi l-Avukat Generali wkoll huwa l-legittimu kuntradittur u, [2] illi s-somma ta' €40,000 ma hijiex kumpens xieraq.

5. Ghalhekk, qed jitlob lil din il-Qorti sabiex joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi, tikkonfermaha in kwantu u sa fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati Awtorita` Intimata u Avukat Generali u ddikjarat li r-rekwizizzjoni tal-fond jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u in kwantu ordnat lill-Awtorita` Intimata tohrog b'effett immedjat ordni ta' rekwizizzjoni fuq il-fond 84, Triq Patri Felicjan Bilokka, Marsa u taghti lura l-fond battal lis-sidien, ir-rikorrent u il-kjamati fil-kawza, fi zmien xahrejn u minflok, tichad l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li hu mhuwiex legittimu kuntradittur u tordna lill-imsemmija

intimati sabiex ihallsu kumpens xieraq u adegwat kif jigi likwidat minn din il-Qorti f'ammont ta' akbar minn €40,000.

6. Permezz ta' risposta pprezentata fil-11 ta' Novembru 2016, l-Avukat Generali laqa' ghall-appell incidentali tar-rikorrent billi wiegeb [1] illi in kwantu l-Awtorita` Intimata hija unikament responsabbli ghall-hrug ta' ordnijiet ta' rekwizizzjoni u in kwantu hawnhekk ma hijiex qed tigi attakkata xi dispozizzjoni tal-ligi, kienet korretta l-ewwel Qorti, fid-dawl ta' dak li jrid l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, illi tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju u [2] illi l-ammont ta' kumpens moghti, mhux talli ma huwiex baxx izda talli huwa esagerat tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz b'mod partikolari in vista tal-fatt li s-sidien hallew 58 sena jghaddu qabel ma ttantaw jezercitaw xi rimedju. Jissottometti ghalhekk li l-aggravji mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu michuda.

7. Waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar 2017 quddiem din il-Qorti, Dr Raymond Zammit ghall-Awtorita` Intimata assocja ruhu mar-risposta tal-Avukat Generali ghall-appell incidentali.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju tal-Awtorita` Intimata*

8. Permezz ta’ dan l-aggravju l-Awtorita` Intimata tissottometti illi l-ewwel Qorti kellha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-applikazzjoni tal-proviso ghall-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni kif ukoll il-proviso ghall-Artikolu 4[2] tal-Konvenzjoni minhabba l-fatt li r-rikorrenti ghazlu li ma jinqdewx bir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom bhal ma hi azzjoni taht l-Artikolu 469A tal-kodici fuq imsemmi izda ghazlu li jmorru mal-ewwel ghar-rimedju kostituzjonali li hu rimedju estrem u eccezzjonali. Ghalhekk jissottomettu li r-rikorrent qed jabbuza mill-process kostituzzjonali, u ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadini meta jkun lilhom ipprovdut rimedji ordinarji ghal-lanjanzi taghhom.

9. Da parti tieghu ir-rikorrent jilqa’ ghal dan l-aggravju billi jissottometti illi fis-sena 1956 meta ttiehdet id-decizjoni li tinhareg ir-rekwizizzjoni, l-Artikolu 469A ma kienx ghadu introdott fis-sistema legali taghna. Apparti minn hekk, l-ewwel Qorti accettat li l-ordni ta’ rekwizizzjoni kienet inharget validament u korrettament. Il-vjolazzjoni tinsab fil-fatt li 60 sena wara, il-fond ghadu taht dik l-ordni ta’ rekwizizzjoni meta ma kien hemm ebda raguni ghal dan. Inoltre, ma hemm ebda rimedju iehor sabiex is-sidien jinghataw kumpens ghaz-zmien twil li gew imcahhda mill-proprjeta` taghhom bi ksur lampanti tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali taghhom.

10. Din il-Qorti tirribadixxi li

> "…… apparti li hu evidenti li r-rimedju talvolta disponibbli taht l-imsemmi Artikolu 469A huwa ferm aktar limitat mir-rimedju li tista' taghti l-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, il-proviso ghas-subartikolu [2] kemm tal-Artikolu 46 kif ukoll tal-Artikolu 4, ma jghidx li l-Prim Awla "ghandha" tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha, izda li "tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" li tirrifjuta li tezercita dawk is-setghat. Fi kliem iehor, il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali [jew taht il-Kap. 319] bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea [anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra] dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni. Dan ma huwiex il-kaz odjern – din il-Qorti tikkondividi pienament il-hsieb tal-ewwel Qorti li, jekk verament hemm ksur tal-artikoli senjalati mis-socjeta' appellata, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A ma jkunx certament wiehed adegwat ossia "xieraq"."[1]

11. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju*

12. Permezz ta' dan l-aggravju, l-Awtorita` Intimata tikkontendi illi l-gudizzju m'huwiex integru in kwantu d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ma jistax jigi ordnat johrog mill-fond ladarba huwa mhuwiex parti fil-

[1] Q. Kos. Raymond Vella et vs Kummissarju tal-Artijiet, deciza 24 Mejju 2004

kawza. Tghid ukoll li din hi Qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali u fl-ebda hin ma gie ezaminat it-titolu li bih il-fond qed jigi okkupat mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgha legali li tordna l-izgumbrament.

13. Ir-rikorrenti jilqa' ghal dan l-aggravju billi fost affarijiet ohra jirrileva li s-sidien qatt ma rrikonoxxew lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali bhala inkwilin. Jirreferi ghall-Artikoli 7 u 8 tal-Kap. 125 li jipprovdu li fejn l-inkwilin ma jkunx gie rikonoxxut, huwa l-intimat appellant li jibqa' responsabbli ghall-fond. Jirreferi wkoll ghall-ittra mibghuta minn rapprezentant tal-Ministry of Labour, Employment and Welfare datata 23 ta' Ottubru 1973 fejn inghad li l-ordni ta' rekwizizzjoni *"does not entail any legal deed of tenancy".*

14. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li fil-mori tal-proceduri[2] fl-ewwel istanza r-rikorrent irtira t-talba tieghu sabiex il-Qorti tordna lill-Awtorita` Intimata taghtih lura l-fond battal. Fid-dawl ta' dan, l-aggravju odjern jinsab sorvolat u wkoll din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna, fost ir-rimedji li tat, dak li l-Awtorita` Intimata taghti lura lis-sidien il-fond battal gja ladarba r-rikorrent espressament kien irtira dik it-talba tieghu. Ghalhekk, peress li ma kienx hemm lok ghall-prezenza tad-Dipartiment fil-kawza, tenut kont ukoll tal-fatt li ghal zmien twil is-sidien

[2] Udjenza 29 ta' April 2015 – Fol.34

kienu accettaw il-kera moghtija lilhom mill-*ante kawza* tal-Awtorita` Intimata, dan l-aggravju dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju ma jistax iregi.

15. Ghaldaqstant tqis dan l-aggravju mhux gustifikat u qed tichdu.

*It-Tielet Aggravju u r-Raba' Aggravju tal-Awtorita` Intimata*

16. In kwantu konnessi mar-rimedju ordnat mill-ewwel Qorti, dawn l-aggravji ser jigu trattati flimkien.

17. Permezz tat-tielet aggravju, l-Awtorita` Intimata tikkontendi illi l-ewwel Qorti marret oltre l-parametri tal-kompetenza kostituzzjonali taghha in kwantu ma ghandhiex il-mansjoni li tordna l-izgumbrament. Hija tikkwota gurisprudenza nostrana in sostenn. Tissottometti wkoll illi qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ma ghandhiex is-setgha li tordna t-thassir ta' att amministrattiv *multo magis* meta hemm rimedju ordinarju appozitu taht l-Artikolu 469A fuq citat.

18. Permezz tar-raba' aggravju taghha, l-Awtorita` tikkontendi illi fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti mhux biss marret *extra petita* minn dak mitlub mir-rikorrent fir-rikors promotur, izda akkordat talba ghall-izgumbrament meta din it-talba kienet giet irtirata mir-rikorrent stess fil-

mori tal-proceduri.

19. Dwar it-tielet aggravju r-rikorrent iwiegeb illi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, jaghtu lill-qrati b'kompetenza kostituzzjonali poteri wesghin fl-ghoti tar-rimedji xierqa u effettivi. Huwa jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Apap Bologna v. Malta** illi osservat illi l-Qorti Kostituzzjonali ma kellhiex limiti ta' poter sabiex taghti rimedju gust, u jekk ikun hemm bzonn, setghet anki tordna l-izgombrament tal-okkupant ta' fond. Rigward l-ordni amministrattiv jghid illi l-mertu tal-kaz ma huwiex il-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni *per se* fis-sena 1958, ghax din kienet harget skont il-ligi, izda l-meritu huwa l-fatt li ghal zmien daqshekk twil is-sidien tal-fond gew privati mit-tgawdija pacifika tal-fond versu korrispettiv irrizorju. Huwa dan il-fatt li jivvjola d-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali tas-sidien, liema ksur ghandu jigi rimedjat kemm bl-annullament tal-ordni kif ukoll b'kumpens gust ghaz-zmien soffert minnhom.

20. Dwar ir-raba' aggravju ir-rikorrent jghid illi, ghalkemm huwa minnu li waqt il-proceduri huwa ddikjara li ma kienx qed jinsisti iktar fuq it-talba tieghu ghar-ripreza tal-pussess tal-fond battal, huwa xorta wahda halla f'idejn il-Qorti sabiex taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa u opportuni skont ic-cirkostanzi tal-kaz. Jghid inoltre illi la darba jigi mnehhi l-ordni ta' rekwizizzjoni, id-Dipartiment ma jkollu ebda titolu li

jibqa' jzomm il-fond.

21. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li mill-atti jirrizulta li minn meta gie rekwizizzjonat il-fond, jigifieri mis-sena 1956 sas-sena 1999 jew massimu sas-sena 2009 [3], is-sidien kienu ircevew il-kera ghall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni. Dan idghajjef it-tezi tar-rikorrent li d-Dipartiment qed jokkupa l-fond minghajr ebda titolu fil-ligi.

22. Rigward dawn iz-zewg aggravji tal-Awtorita` Intimata din il-Qorti tosserva li, kif gja spjegat fl-ezami tat-tieni aggravju, ladarba r-rikorrent espressament iritraw it-talba taghhom ghar-ripreza tal-fond battal bil-konsegwenzjali zgumbrament tal-okkupanti, l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidra aktar li taghti rimedju fis-sens ta' dik it-talba, imma fic-cirkostanzi kellha tillimita d-decizjoni taghha ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni, thassir tal-ordni ta' rekwizizzjoni stante li bi trapass taz-zmien kien beda jigi vjolat il-principju tal-proporzjonalita`, u taghti kumpens ghat-telf soffrut mis-sidien.

23. Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma gustifikati fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed jigu hekk milqugha.

*Il-Hames Aggravju tal-Awtorita` Intimata u t-Tieni Aggravju tar-Rikorrent*

[3] Aff. Emanuel Bonnici – Fol.67

24. Permezz ta' dawn l-aggravji, l-Awtorita` Intimata tissottometti illi l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti huwa esagerat filwaqt li r-rikorrent isostni li l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti huwa baxx wisq.

25. L-Awtorita` issostni li t-trapass ta' zmien konsiderevoli li r-rikorrent halla jghaddi sakemm ressqu l-proceduri odjerni, kif ukoll il-fatt li l-ligijiet jaghtu s-setgha lill-istat sabiex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` ghall-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita`, huma fatturi mitiganti li kellhom jinghataw aktar piz mill-Qorti fil-komputazzjoni tal-kumpens b'mod li l-kumpens dovut kellu jkun anqas mill-ammont indikat fis-sentenza appellata.

26. Da parti tieghu, ir-rikorrent jilmenta li l-kumpens attribwit ma huwiex xieraq meta wiehed jikkonsidra d-durata tal-vjolazzjoni u d-diskrepanza enormi bejn il-kera li kienet tithallas u dik realment dovuta. Jissottometti li skont taghlim tal-Qorti Ewropeja persuna li soffriet lezjoni tad-drittijiet taghha ghandha tinghata kumpens kemm pekunjarju kif ukoll non pekunjarju.

27. In vena legali din il-Qorti tirribadixxi li:

> "51. *F'Ghigo v. Malta*, il-Qorti Ewropea spjegat illi l-iskop li jingħata rimedju taħt dan l-artikolu hu sabiex ir-rikorrenti jitpoġġa kemm jista' jkun fil-pożizzjoni li kien ikun fih li kieku l-ksur ma kienx sar.

> ‘The Court reiterates that an award for pecuniary damage under Article 41 of the Convention is intended to put the applicant, as far as possible, in the position he would have enjoyed had the breach not occurred [see, mutatis mutandis, Kingsley v. the United Kingdom [GC], no. 35605/97, § 40, ECHR 2002-IV].’

“52. Għalkemm hemm distinzjoni bejn il-kunċett tal-kumpens għall-ksur ta’ dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u l-kunċett ta’ danni ċivili, għandu jingħad li l-estensjoni tad-danni pekunjarji li tkun sofriet persuna taffettwa l-estenzjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali tagħha wkoll u għalhekk dawn ma jistgħux ma jittieħdux in kunsiderazzjoni. Kif spjegat l-ewwel Qorti m’hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi lill-Qorti milli tillikwida somma għad-danni pekunjarji li tkun sofriet persuna b’riżultat ta’ leżjoni ta’ dritt fundamentali.

“53. L-ewwel Qorti akkordat il-kumpens bħala rimedju għall-ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti minħabba l-piż sproporzjonat u eċċessiv li kellhom isofru. Ħadet in konsiderazzjoni fatturi ta’ natura pekunjarja - bħall-valur tal-appartamenti, il-kumpens “miżeru” li kienu jirċievu r-rikorrenti tul is-snin mingħand l-Awtorita`, u l-ispejjeż li se jkollhom jidħlu fihom sabiex jiżgumbraw l-okkupanti tal-appartamenti 2 u 3 - sabiex tapprezza u tifhem l-estensjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali li sofrew ir-rikorrenti minħabba r-rekwiżizzjoni u l-fatt li d-derekwiżizzjoni irriżultat ineffettiva. Il-kumpens likwidat għalhekk jirrappreżenta r-riparazzjoni għall-ksur tad-dritt fundamentali li ġarrbu r-rikorrenti, bl-għan li jitqegħdu kemm jista’ jkun fl-istat li kienu jkunu, li kieku tali ksur ma seħħx.” [4]

28. Rigward is-sottomissjoni tal-Avukat Generali illi r-rikorrent halla bosta snin jghaddu qabel ma ndirizza l-lanjanzi tieghu, ssir referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti **Ian Peter Ellis pro et now v. Maggur Alfred Cassar Reynaud et** deciza fis-27 ta’ Jannar 2017, li fiha l-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet rilevanti ghall-kaz odjern:

“31. Rigward il-fattur tad-dewmien da parti tar-rikorrenti sabiex jistitwixxu dawn il-proceduri fejn qed jitolbu rimedju ghal-lezjoni sofferta minnhom, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi ricenti moghtija mill-Qorti Ewropeja fosthom il-kaz Montanaro Gauci and Others v. Malta fejn dik il-Qorti osservat hekk:

> ‘45. The Court also takes issue with the fact that in line with domestic case-law, such compensation awards are reduced on the grounds that

[4] Q.Kos. Walter Delia et vs Chairman tad-Djar, deciza 18 Frar 2016

> the applicants have instituted constitutional redress proceedings several years after they started suffering the violation complained of. In this connection, the Court notes, first and foremost, that domestic law does not impose a time-limit for the institution of constitutional redress proceedings. The legislator leaves the choice of timing to the applicant. Moreover, in circumstances such as those of the present case, the violation complained of is a continuing one. The Court thus finds that such reasoning is questionable in the light of the circumstances of the case and the domestic legal framework, which appears to give great latitude to individuals seeking redress for human rights violations.'

"32. Fid-dawl tal-premess, senjatment tal-fatt li l-ligi domestika ma timponi ebda limitu ta' zmien li fih individwu li jkun qed isofri lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghandu jagixxi gudizzjarjament ghal rimedju, is-sottomissjoni tal-intimat Avukat Generali li l-ewwel Qorti kellha taghti aktar piz lill-fatt li r-rikorrenti hallew tul ta' zmien jghaddi sakemm iddecidew li jifthu l-proceduri odjerni, illum mhijiex legalment sostenibbli, multo magis meta bhal fil-kaz prezenti l-lezjoni ghadha ssehh."

29. Fid-dawl tal-gurisprudenza su-citata, kif ukoll tenut kont tad-diversi fatturi li jiggwidaw lil din il-Qorti sabiex tasal ghall-*quantum* gust u ekwu ta' kumpens dovut fosthom l-istimi *ex parte* tal-partijiet[5] li jindikaw diskrepanza konsiderevoli bejn il-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni fuq is-suq hieles u l-kera effettivament percepita, kif ukoll l-interess pubbliku involut, izda kunsidrat ukoll li l-ordni ta' rekwizizzjoni ser tithassar, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' €40,000 rapprezentanti kumpens, mhux biss ghal-lezjoni subita kif deciz mill-ewwel Qorti, izda wkoll ghad-danni pekunjarji, huwa wiehed xieraq u gust fic-cirkostanzi.

30. Ghaldaqstant l-aggravju tal-Awtorita` Intimata huwa gustifikat fis-sens biss li l-kumpens ghandu jitqies li qieghed jinghata kemm ghal danni pekunjarji kif ukoll ghal dawk mhux pekunjarji u l-aggravju tar-

---

[5]Vide stima tal-Perit Noel Debattista ghar-rikorrent tat-18 ta' Frar 2014 [fol 5] li tindika valur lokatizzju annwali ta' €6400, u rapport tal-Perit Samuel Formosa ghall-Awtorita` tad-Intimata tat-18 ta' Frar 2015 [fol 21 et seq] li jindika valur lokatizju annwali ta' €4725.

rikorrent huwa ingustifikat.

*L-Ewwel Aggravju tal-Appell Incidentali*

31. Permezz ta’ dan l-aggravju r-rikorrent jikkontendi illi l-vjolazzjoni sofferta minnu hija wkoll naxxenti mis-sistema legali, u l-Att X tas-sena 2009 li pprova jaghti rimedju f’dan is-sens ma’ ta rimedju xejn fil-kaz odjern ghaliex minkejja z-ziediet hemm previsti, l-kumpens offert ghal dan il-fond baqa’ wiehed irrizorju.

32. L-Avukat Generali fir-risposta tieghu, li maghha assocjat ruhha l-Awtorita` Intimata, jikkwota l-Artikolu 181B tal-Kap 12 u b’referenza ghal kazistika nostrana jsostni illi, ladarba jezisti kap ta’ dipartiment, f’dan il-kaz l-Awtorita` Intimata, li hija unikament responsabbli ghall-hrug ta’ ordnijiet ta’ rekwizizzjoni, l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

33. Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Grech et v. Awtorita` tad-Djar et** deciza fit-12 ta’ Frar 2016, fejn din il-Qorti osservat hekk fir-rigward:

> “5. Konvenut f’din il-kawża la huwa l-Awtorità Intimata u lanqas l-Avukat Ġenerali; il-konvenut huwa l-Gvern ta’ Malta u, jekk għandu jingħata rimedju mill-Gvern ta’ Malta, kull ma hu meħtieġ hu illi l-gvern ikun rappreżentat fil-kawża. Il-kwistjoni għalhekk ma hijiex jekk għandux ikun imħarrek l-Avukat Ġenerali jew l-Awtorità Intimata, iżda min għandu jidher f’isem il-Gvern ta’ Malta. Dwar dan, il-liġi, fl-art. 181B tal-Kodiċi ta’

> Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija ċara: f'isem il-Gvern ta' Malta jidher il- "kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta biss "f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".
>
> 6. Fil-każ tal-lum l-ilment tal-atturi huwa dwar il-konsegwenzi tal- ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni, materja llum fil-kompetenza tal-Awtorità Intimata li, għalkemm mhix dipartiment tal-gvern, għandha r-responsabilità ta' setgħat governattivi u għalhekk tintlaqat bl-art. 181B fuq imsemmi.
>
> 7. Għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa li jkun imħarrek ukoll bħala parti l-Avukat Ġenerali; kull ma kien meħtieġ kienet biss in-notifika tiegħu." [sottolinear tal-Qorti]

34. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tqis legalment korretta d-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-Avukat Generali m'ghandux legittimazzjoni passiva f'dawn il-proceduri u li l-iStat huwa adegwatament rapprezentat mill-Awtorita` Intimata.

35. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell principali billi tilqghu limitatament billi tirrevoka s-sentenza appellata fejn gie ordnat li l-fond ghandu jinghata battal lir-rikorrent u lill-kjamati fil-kawza fi zmien xahrejn filwaqt li tippreciza li l-ordni ta' rekwizizzjoni de qua ghandha titqies minghajr effett mid-data ta' din is-sentenza; tordna li l-kumpens ta' erbghin elf euro [€40,000] fissat mill-ewwel Qorti jkun jirrapprezenta danni non-pekunjarji kif ukoll pekunjarji; tiddeciedi dwar l-appell

incidentali billi tichdu.

L-ispejjez tal-prim istanza ghandhom jibqghu kif regolati mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-appell principali jigu akkollati in kwantu ghal erba' minn hamsa [$^4/_5$] mill-Awtorita` Intimata, filwaqt li r-rimanenti kwint [$^1/_5$] ikun a kariku tar-rikorrent u tal-kjamati fil-kawza in solidum bejniethom; l-ispejjez relatati mal-appell incidentali jkunu a kariku tar-rikorrent u tal-kjamati fil-kawza.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df